KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 342**

**l-Erbgħa 12 ta' Lulju, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Dr Alessia Psaila Zammit – Sindku
Il-Perit Julian Borg – Viċi Sindku
It-Tabib Mark Anthony Vassallo – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sur Clayton Cutajar - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresjeda l-laqgħa.

**342.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

342.1.1 Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Clayton Cutajar.

**342.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

342.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 340 u 341. Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 340 u 341, jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**342.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

342.3.1 Is-Sindku qalet li grazzi għal ħaddiema tar-Reġjun qed isir xogħol ta' tisbieħ fi ġnien il-ħajja fiż-żona ta' quddiem binja Hersri, Is-Sindku qalet ukoll li kif kien maqbul bejn kulħadd il-bring in site li hemm fl-istess żona ser titneħħa. Hi talbet għal suġġerimenti fuq żoni oħra fejn tista' ssir bring in site, biss kien hemm qbil unanimu li ma ssirx oħra flok dik ta' Binja Hesri (sakhemm ma tinstabx żona li m'hix residenzjali).

Is-Sindku qalet li l-kunsill kellu xi każijiet pendenti fejn kien hemm min talab rifużjoni għal ħsarat li kkawża fil-vettura b'allegat ta' kundizzjoni ħażina tat-triq. Il-Kunsill qabel li tinżamm il-posizzjoni li kull każ li għandu quddiemu l-kunsill u li jista' jkollu, jkunu riferiti għal proċess ta' arbitraġġ.

Is-Sindku qalet ukoll li l-Gvern għamel skema ta' għajnuna finanzjarja għar-reġjun biex ikunu rranġati numru ta' toroq b'investiment ta' 100,000 EUR għal kull reġjun. Hi pproponiet li l-Kunsill japplika biex isiru t-t-iswijiet f'parti minn Triq Nerik Vassallo li hi mkissra totalment f'żona fejn joqgħodu r-residenti. Il-Kunsil qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku semmiet ukoll li l-Kunsill irċieva talba għal tismija ta' Triq f'żona Rurali. Il-Kunsill qabel li ssir sanctioning tal-isem taż-żona tal-Wied ta' Sant' Antnin.

Is-Sindku tkellmet ukoll fuq l-attivita privata b'rabta mal-Presidenza Ewropea li saret f'Għar Lapsi fid-29 ta' Gunju. Hi qalet li filwaqt li tifhem li din kienet attivita' ta' darba biss in-nies kienu urtati għal fatt li din l-attivita' saret f'ġurnata ta' festa fejn jinżlu ħafna nies f'Għar Lapsi. Hi qalet li għal futur il-Kunsill għandu jikkunsidra u jiddiskuti numru ta' fatturi oħra qabel jinħareġ permess għal dik iż-żona. Hi żiedet tgħid li l-Kunsill ma jistax jirrifjuta kompletament permessi għall-attivitajiet għaliex Għar Lapsi għandu dimenzjoni kulturali u turistika kif ukoll hemm fih attivita' kummerċjali fiż-żona.

Is-Sindku rreferiet ukoll għal konferenza tal-aħbarijiet li saret f'Għar Lapsi mill-Gvern nhar it-3 ta' Lulju 2017. Hi sostniet li saret taf li se ssir konferenza tal-aħbarijiet mill-Onor. Silvio Schembri u l-Onor Deo Debattista siegħa qabel ma saret il-konferenza. Filwaqt li hi ġiet mistiedna

f'temp ta' siegħa sakhemm waslet fuq il-post ma kienetx ingħatat informazzjoni fuq x'hiex kienet se tkun il-konferenza tal-aħbarijiet. Hi rrapurtat lil kunsill li kif intqal fuq il-mezzi tax-xandir l-iskop tal-konferenza kien li l-Gvern kellu l-ħsieb li jgħin lil kunsill fit-tisbieħ taż-żona biex jikkumplimenta x-xogħol tal-Kunsill. Filfatt il-Gvern għandu jieħu ħsieb xogħol ta żebgħa fuq railings biex ikunu pariġġ tar-railings li l-kunsill ordna għaż-żona tal-platforms ta' Għar Lapsi u aċċess aħjar biex in-nies jinżlu jgħumu f'aktar kumdita'. Hi fakkret li l-Kunsill qed jinvesti aktar minn 25,000 EUR f'proħġett ħolistiku li jinkludi railings ġodda, tibdil ta' tabelli, refreshing ta' żebgħa, manutenzjoni ġenerali, u 'l quddiem għandu jsir ukoll il-proġett tal-latrina b'investiment ta' aktar minn 60,000 EUR u l-Park ta' lapsi.

**342.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

342.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**342.5 Ħatra ta' Kunsillier ġdid**

342.5.1 Is-Sindku ferħet u laqgħat fil-Kunsill lil kunsillier elett Dr Mark Anthony Vassallo. Dr Vassallo ġie elett fl-elezzjoni każwali li saret fl-4 ta' Lulju wara r-riżenja ta' Dr Karol Aquilina minn Kunsillier. Il-Kunsilliera kollha ferħu u awguraw il-ħidma t-tajba lil Dr Vassallo.

**342.6 Dekasteri ġodda għall-Kunsilliera**

342.6.1 Is-Sindku qalet li wara taħdidiet mal-Kunsilliera id-dekasteri tal-Kunsilliera qed jitqassmu b'dan il-mod:

**Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit**

- IppjannarStrateġiku tal-Kunsill Lokali
- Infrastruttura (Urbana u Rurali)
- Proġetti Kapitali
- Finanzi
- Koordinazzjoni tar-Riżorsi Umani tal-Kunsill Lokali
- Koordinazzjoni tal-Għaqdiet
- Iż-Żgħażagħ
- Appoġġ lill-bdiewa
- Fondi tal-Unjoni Ewropea

**Il-Viċi Sindku l-Perit Julian Borg**

- Koordinatur tal-Attivitajiet Pubbliċi tal-Kunsill Lokali

- L-Ambjent
- Il-Wirt Storiku

**Il-Kunsillier Clayton Cutajar:**

- Il-Qasam Kulturali, V18, u Fondi Ewropej ghall-Kultura u l-Arti
- Żvilupp tal-lokalità f'destinazzjoni turistika
- Ħarsien u Żvilupp tal-identità lokali

**Il-Kunsillier Dominic Grech:**

- Attivitajiet Sportivi
- Immaniġġjar tat-traffiku u Infurzar Lokali
- Koordinatur tas-servizzi ta' ndafa (żoni rurali/urbani/lattrini pubbliċi/attivitajiet ta'Clean Up u European Week for Waste Reduction)

**Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace**

- L-Edukazzjoni inkluż attivitajiet edukattivi għaż-Żgħażagħ u l-Anzjani)
- Il-Qasam Soċjali inkluż persuni bi bżonnijiet socjali, il-familja, servizzi t'appoġġ u ħarsien fil-kommunità
- Ġemellaġġ

**Il-Kunsillier Nicholas Cassar**

- Ħarsien u Żvilupp ta' Għar Lapsi (flimkien mas-Sindku Alessia Psaila Zammit)
- Ħarsien u Żvilupp ta' Postijiet ta' Rikreazzjoni, Ġonna Pubbliċi u Żamma tal-Widien

**Il-Kunsillier Mark Anthony Vassallo**

- Is-Saħħa
- L-Anzjani

**342.7 Ħatra ta' membru fuq il-bord tal-Majjistral**

342.7.1 Il-Kunsill qabel li wara r-riżenja ta' Dr Karol Aquilina mill-Bord tal-Majjistral is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit tinħatar membru fuq dan il-

bord.

**342.8 Ħatra tal-Kumitat tal-Għażla għall-impjegat ġdid tal-Kunsill**

342.8.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Bord għandu jkun kompost mis-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit, il-Viċi Sindku l-Perit Julian Borg u l-Kunsillier Dominic Grech.

**342.9 Festa Għeneb**

342.9.1 Il-Viċi Sindku l-Perit Julian Borg qal li l-kumitat qiegħed jiltaqa' b'mod regolari, qed jintbagħtu l-ittri lil għaqdiet biex jipparteċipaw filwaqt li qed isiru l-aħħar preparamenti biex bħas-soltu din l-attivita' tal-kunsill terġa tkun suċċess.

**342.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

342.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**342.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

342.11.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku ppproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 7 ta' Awwissu 2017.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv